MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## JACQUELINE PADOVANI

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2008

Numru 738/2007

PULIZIJA
SPETTUR JOSEPH MERCIECA
SPETTUR SILVIO VALLETTA
VS
TONY ZAMMIT
DARREN BRINCAT

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Tony Zammit ta' 29 sena iben Frank u Gracie xebba Galdes, imwieled Melbourne Australia nhar 13 ta' Ottubru 1978 u residenti "Australia" Triq San Gorg, Qormi detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 158192(M) u Darren Brincat ta' 28 sena, iben Rosario u Emanuela xebba Mercieca, imwieled Pieta' nahr il-5 ta' Novembru 1979 u residenti Nru 28 "My Dream" Triq Bellic, Qormi, detentur tal-karta ta' l-Identita' bin-numru 521079(M).

Illi huma akkuzati talli f'dawn il-Gzejjer, fix-xahar ta' Awissu 2007, b'diversi atti maghmulin mill-imputati, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

a). Fis-17 ta' Awissu 2007, ghal habta ta' 4:45 ta' wara nofs in-nhar, fi Triq Fleur De Lys, B'Kara, ikkomettew serq ta' gizirana tad-deheb, jew parti minnha minn fuq il-persuna ta' Anne Dimech persuna ta' 60 sena, liema serq hu aggravat bil-valur li jaccedi l-mitt lira Maltin izda ma jaccedix l-elf lira Maltin;

b). Fis-16 ta' Awissu 2007, ghal habta ta' 7:10 ta' filghaxija, fi Triq Haz-Zabbar, Fgura kkomettew serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Vincenza Zahra, persuna ta' 76 sena liema serq hu bil-valur li jaccedi l-mitt lira Maltin izda ma jaccedix l-elf lira Maltin;

c). Fit-13 ta' Awissu 2007 ghal habta ta' 6 ta' filghaxija fi Triq Villambrosa, Hamrun, ikkommettew serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Lucy Borg persuna ta' 61 sena liema serq hu aggravat bil-valur li jaccedi l-mitt lira Maltin izda ma jaccedix l-elf lira Maltin;

d). Fid-9 ta' Awissu 2007 ghal habta ta' 6:30 ta' filghaxija fi Triq Sant Antnin, Tarxien ikkommettew serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-persuna ta' Carmela Aquilina, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jaccedi l-mitt lira Maltin izda ma jaccedix l-elf lira Maltin u bil-violenza.

e). Talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi, bla ordni skond il-ligi ta' awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti setgha lil privat li jarresta lil hati, arrestaw, zammew, jew issekwestraw lil Carmela Aquilina kontra l-volonta' taghha;

f). Talli fl-istess data hin lok u cirkostanzi, kkagunaw griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Carmela Aquilina.

g). Talli fit-8 ta' Awissu 2007 ghal habta ta' 4:30 ta' wara nofs in-nhar fi Triq il-Kungress Ewkaristiku, Mosta, ikkommettew serq ta' gizirana tad-deheb minn fuq il-

persuna ta' Maria Angela Falzon, persuna ta' 62 sena, liema serq hu aggravat bil-valur li jaccedi l-mitt lira Maltin izda ma jaccedix l-elf lira Maltin;

h). Akkuzati ukoll talli rrendew ruhom recedivi ai termini ta' l-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta wara li gew misjuba hatja permezz ta' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

g). Fl-ahharnett, lil Darren Brincat akkuzat wahdu, talli fl-istess dati, hinijiet, postijiet u cirkostanzi, kiser il-provvediment ta' l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta li kien impost fuqu permezz ta' sentenza datata 23 ta' Jannar 2006.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti ezebiti l-atti kollha tal-kaz;

Rat l-Artikoli elnkati mill-Avukat Generali taht liema Artikoli din il-Qorti tkun tista' ssib htija lill-imputati

Rat il-Verbal tat-22 ta' Lulju 2008 fejn l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li jigu gudikati minn din il-Qorti.

Rat il-Verbal ta' 23 ta' Settembru 2008 fejn l-imputati ammettew ghall-akkuzi kollha kif dedotti.

Rat il-konferma ta' l-istess ammissjoni wara li l-Qorti tat zmien ragonevoli ghal ripensament.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

Fuq l-istess amissjoni ta' l-imputati l-Qorti ssib lill-imputat Tony Zammit u Darren Brincat hatja skond l-akkuza u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 23, 31, 49, 50, 51, 86, 87(1)(c)(e), 214, 221, 261(a)(c), 262(1)(a), 267, 274(d), 275, 277(a), 279(a), 280, 281, 289 u 533 tal-Kap.9 tal-

Ligijiet ta' Malta, Artikolu 7, 22, 23, 24, 25 u 26 tal-Kap.446 tal-Ligijiet ta' Malta, tikkundanna lil Tony Zammit u lil Darren Brincat ghal sentejn habs illi minnhom irid jitnaqqas iz-zmien illi huma qattghu f'arrest prevendiv. Di piu', il-Qorti tordna l-konfiska tal-vettura JBD 951 li kienet il-vettura illi biha twettqu r-reati illi bihom jinsabu mixlijin l-imputati.

Il-Qorti taghraf illi s-sensiela ta' serq illi wettqu dawn iz-zewg zghazagh kien principarjament dovut ghal dipendenza totali fuq id-droga. Illi fil-mori tal-kawza, Darren Brincat dahal fi program residenzjali mal-Karitas u kif gie rapurtat mill-'care workers' tal-Karitas, Darren Brincat ghamel progress sosstanzjali. Ghaldaqstant il-Qorti tirrakomanda bil-qawwa illi d-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin jippermtti lil Darren Brincat ikompli jsegwi dan il-programm jekk jista' jkun taht l-awspici tal-Karitas. Ghal rigward ta' Tony Zammit, il-Qorti tirrakomanda lill-istess Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin illi l-istess imputat isegwi programm ta' riabilitazzjoni fi hdan l-istess facilita'.

Ghal dan il-ghan, il-Qorti tordna kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------